QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs.**

**Nicholas Calleja**

Numru: 272/15

Illum is-sitta (6) ta' Marzu 2018

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Nicholas Calleja**, ta' tletin (30) sena, iben Philip u Consolata neé Ellul, imwieled Pietà fl-1 ta' Mejju 1984, residenti fil-fond "Ir-Razzett tan-Nanna", Ta' Laurenti, il-Buskett, l/o Siggiewi u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 221984(M),

akkuzat talli f'ismu propju u/jew ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Jumbo Developments Ltd. li fit-23 ta' Jannar 2015 u fix-xhur ta' qabel fiz-Zurrieq u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. impjega jew ta xoghol lil persuna li ma kinitx persuna ezenti u li ma kellux licenzja moghtija lilu ghal dak l-impjieg jew xoghol skont id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. taht l-istess cirkostanzi, bhala persuna responsabbli ta' xoghol li kien qed isir gewwa fond fiz-Zurrieq u nhawi ohra f'Malta, impjega persuna li ma kienx cittadin ta' Malta meta dan il-persuna ma kellux permess validu u ufficjali;

3. fl-istess cirkostanzi bhala principal jew persuna li timpjega persuni ohra, *full-time*, *part-time*, jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impjieg kif hemm stabbilit fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a sa 10).

F'kaz ta' htija fuq dawn l-akkuzi, il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika d-disposizzjonijiet tar-Regolament Numru 5 tar-Regolamenti Dwar Standards Minimi ghal Sanzjonijiet u Mizuri Kontra Min Ihaddem Lil Cittadini Minn Pajjizi Terzi B'Residenza Illegali, Avviz Legali 432 tal-2011 (Ligi Sussidjarja 217.14 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex jinghata dak il-haqq skont il-provvedimenti ta' dan l-istess Regolament.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 4).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 14).

<u>Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef Silvio Camilleri (*a fol.* 20 *et seq.*).</u>

Semghet, fis-seduti tad-29 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 27) u tal-20 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 31), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2017 (*a fol.* 50), lill-imputat jiddikjara li kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u semghet lid-difiza tinforma lill-Qorti li ma kellhiex provi xi tressaq f'dawn il-proceduri.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fil-5 ta' Dicembru 2017 (*a fol.* 51 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fit-18 ta' Jannar 2018 (*a fol.* 54 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2015, xehed **PS 689 Carmel Cauchi** (*a fol.* 16 *et seq.*) fejn qal li fit-23 ta' Jannar 2015 flimkien mal-Maggur tieghu, PC Buhagiar u PC Farrugia marru jaghmlu spezzjoni go *building site* li tinsab fi Triq il-Barrieri, Zurrieq. Jghid li hemm hekk instab certu Seth Owusu ta' sitta u ghoxrin (26) sena mill-Ghana li kien immigrant ta' l-Italja li kien qed jaghmel xoghol ta' kisi. Meta gie mistoqsi jghid x'kien qed jaghmel hemm, wiegeb li kien qed jahdem u identifika li l-imghallem tieghu kien l-imputat Nicholas Calleja. Jghid li gie mitkellem is-sid, cioé l-imputat, fejn ittiehdet stqarrija tieghu.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li fuq il-post in kwistjoni nstab jahdem biss l-imsemmi Owusu. Jixhed li kien hemm persuna ohra ta' nazzjonalita' barranija li ma kien qed jaghmel xejn. Mistoqsi jghid jekk ivverifikax jekk l-imputat qattx irregistra nies ta' nazzjonalita'

barranija u mhux Maltija mal-ETC biex jahdmu bil-ktieb tax-xoghol, wiegeb fin-negattiv. Ghad-domanda: *"F'xi zmien li tghidilna inti ccekkjat jew ihhandiljajt xi karti tax-xoghol tal-imputat, kuntratti ta' mpieg jew xi karti ohra relatati ma' dan ix-xoghol li kellu l-imputat?"* (*a fol.* 18), wiegeb: *"Le"* (*a fol.* 18).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2016, xehed **Joseph Saliba** (*a fol.* 33) *Senior Executive* mal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig fejn spjega li gew mitluba jixhdu dwar jekk kienx hemm *work permit* tal-persuna mill-Ghana bl-isem ta' Seth Owusu (Numru tal-Passaport H2662224) u jispjega li minn tfittxija li saret din il-persuna qatt ma kellha *work permit* u anqas kien hemm applikazzjoni ghal *work permit*.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2016, xehed **PC 666 Godwin Buhagiar** (*a fol.* 35 *et seq.*) fejn beda billi jispjega li huwa *Immigration Police* u qal li fit-23 ta' Jannar 2015 ghall-habta tal-10.00am saret spezzjoni f'sit tal-bini fi Triq il-Barrieri fiz-Zurrieq fejn instab certu Seth Owusu mill-Ghana li kien qed jaghmel xoghol ta' kisi. Jghid li dan il-persuna qalilhom li kien immigrant mill-Italja. Jghid ukoll li wara ftit tal-hin kien mar fuq il-post l-imputat li stqarr li huwa kuntrattur. Jghid li meta l-immigrant gie mistoqsi ghal *Police Number* hu nfurmahom li ma kellux peress li kien immigrant mill-Italja. Mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi haddiema ohra apparti dan il-persuna, wiegeb fin-negattiv. Jghid li l-imputat qalilhom li ma kellux permess biex ihaddem lil dan il-persuna u jghid ukoll: *"qalli "ghax ma nsibx", qalli "dak joqghodli ghassa naqra" u qalli "jaghmel xi haga hux""* (*a fol.* 36).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li lill-imputat staqsieh jekk kellux *work permit* biex ihaddem lil dan il-persuna. Ma jiftakarx jekk lill-imputat staqsiehx domandi ohra.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2016, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Darren Buhagiar** (*a fol.* 37) fejn spjega li fit-23 ta' Jannar 2015 ghall-habta ta' 10.00-11.00am saret spezzjoni mill-Maggur SM 739 Michael Borg, PS 689 Carmel Cauchi u PC 666 Godwin Buhagiar fejn dawn zaru *construction site* fi Triq il-Barrieri, Zurrieq.

Spjega li kien hemm persuna ta' karnaggjon skur bl-isem ta' Seth Owusu li kien qed jahdem hemmhekk. Jghid li saret komunikazzjoni mal-persuna li kien qed jinkariga lil Owusu biex jahdem, fejn dan irrilaxxa stqarrija li tinsab *a fol.* 5 *et seq.*.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2016, xehed **SM 739 Michael Borg** (*a fol.* 41) fejn spjega li fit-23 ta' Jannar 2015 wara l-10.00am saret spezzjoni go sit ta' kostruzzjoni fi Triq il-Barrieri, iz-Zurrieq fejn instab certu Seth Owusu mill-Ghana jaghmel xoghol ta' *"plastering, ikahhal"* (*a fol.* 41). Jghid li meta dan il-persuna gie mitlub jghid jekk kellux il-permessi biex jahdem, wiegeb li ma kellux u b'hekk ittiehed id-Depot. Jghid li wara ftit tal-hin mar l-imputat li huwa mis-Siggiewi u li huwa tal-"Jumbo Development".

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2016, xehed ukoll **PC 292 Anthony Farrugia** (*a fol.* 42) fejn spjega li fit-23 ta' Jannar 2015 meta kien qed jistenna lil Maggur Michael Borg, lil PS 689 Charles u lil PC 666 Godwin Buhagiar li marru jaghmlu spezzjoni, harget persuna ta' gilda skura li ttiehed id-Depot. Jghid li aktar tard mar l-imghallem cioé l-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-istqarrija (*a fol.* 5 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt (*a fol.* 11), l-imputat qal li huwa jahdem *self-employed* u jghid li jizviluppa l-art u li huwa direttur tal-kumpanija li jisimha "Jumbo Developments Limited". Mistoqsi jghid kemm ihaddem nies mieghu, jghid li jhaddem hames min nies u li kollha ghandhom il-ktieb tax-xoghol. Jghid li l-post tax-xoghol tieghu jinsab fil-fond "Bluehaven", Triq il-Barrieri, Zurrieq. Mistoqsi jghid x'ghandu xi jghid dwar il-fatt li meta l-Pulizija tal-Immigrazzjoni marru fil-fond imsemmi u sabu persuna li nqabad jahdem u li ma kellux permessi biex jahdem f'Malta, wiegeb: *"Il-persuna veru kien hemm u kont qed nippruvah fix-xoghol"* (*a fol.* 6). Jghid li lil dan il-persuna sabu fejn il-Marsa u li kien ilu jahdem mieghu jumejn jew tlieta. Jghid li hu (l-imputat) ma kienx prezenti meta marru l-Pulizija. Ikkonferma li Seth Owusu kien qed

jahdem mieghu. Mistoqsi jghid jekk kienx jaf li dan il-persuna kien immigrant mill-Italja u li qatt ma seta' jinghata permess tax-xoghol, wiegeb: *"Ma ccekkjat xejn. Kont nkellmu bl-Ingliz. Le ma kontx naf li ma setghax jinghata permess tax-xoghol"* (*a fol.* 6). Ghad-domanda kemm kien qed ihaddem sieghat fil-gimgha lil dan il-persuna u kemm kellu paga, wiegeb: *"Ma nwegibx"* (*a fol.* 6). Ma wegibx lanqas ghad-domanda li kellu paga inqas mill-minimu li tippermetti l-ligi. Mistoqsi jghid jekk baqghalux jaghtih xi flus, wiegeb: *"Jien se naghtih 500 Euro f'idejh biex anke jista' jaqta' t-ticket biex jirritorna lura l-Italja"* (*a fol.* 6).

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li *"dubju jkun dak* <u>*dettat*</u> *mir-raguni".*

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat <u>mir-raguni</u> u mhux xi grad ta'

prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u>, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza odjerna l-imputat qed jigi akkuzat b'diversi imputazzjonijiet fir-rigward tal-allegat impieg mieghu ta' certu Seth Owusu. Il-Prosekuzzjoni takkuza lill-imputat bi tliet (3) imputazzjonijiet relatati ma' dan. Jirrizulta li kollox beda minn spezzjoni li saret fit-23 ta' Jannar 2015 f'sit tal-bini fi Triq il-Barrieri, fiz-Zurrieq. Jinghad li f'dan is-sit instab l-imsemmi Seth Owusu. Skond SM 739 Michael Borg, PS 689 Carmel Cauchi u PC 666 Godwin Buhagiar, Seth Owusu mill-Ghana kien qed jaghmel xoghol ta' kisi. Da parte tieghu, l-imputat, fl-istqarrija rilaxxata minnu jikkonferma li l-imsemmi Owusu kien prezenti fl-imsemmi sit fid-data msemmija.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet rigward l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat:

- Il-Prosekuzzjoni ma ressqitx bhala xhud dak li jista' jitqies bhala xhud principali f'dawn il-proceduri u cioé lill-imsemmi

Seth Owusu. Dan il-persuna qed jissejjah bhala xhud principali peress li huwa setgha jigi mistoqsi fuq il-pedana tax-xhieda numru ta' mistoqsijiet, fosthom: x'kien qed jaghmel fuq is-sit ta' kostruzzjoni, x'kien il-ftehim tieghu mal-imputat, jekk l-imputat kienx qed ihallsu, kemm kien qed ihallsu (jekk kien il-kaz) u domandi ohra relatati. Apparti minn dan, il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-identita' nnifisha ta' Owusu.

- Il-Qorti ser tinjora dak li qalu x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u li nghad lilhom minn Seth Owusu. Dan huwa biss *detto del detto* li ma jiswiex fil-kamp kriminali. Ma jirrizulta minn imkien fl-atti li l-Prosekuzzjoni sabet xi problemi biex tressaq lil Seth Owusu bhala xhud f'dawn il-proceduri. Minkejja li l-Qorti tista' timmagina ghala dan ix-xhud ma giex mressaq mill-Prosekuzzjoni pero l-immaginazzjoni ma ghandhiex tifforma parti mill-process kriminali!

- Minkejja li l-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri, fl-istqarrija rilaxxata minnu, li d-difiza stess taghmel riferenza ghaliha fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 54 *et seq.*), l-imputat jghid: li ma kien iccekkja xejn dwar Seth Owusu, li l-imsemmi Owusu kien ilu mieghu jumejn jew tlieta, u li kien qed jippruvah ghax-xoghol. Il-Qorti tinnota li ma jirrizulta l-ebda ftehim ta' xoghol bejn l-imputat u Owusu.

- Mill-atti processwali ma jirrizultax li l-imputat kien qed ihallas lill-imsemmi Seth Owusu. Fl-istqarrija rilaxxata mill-imputat jirrizulta biss li ghad-domanda maghmula lill-imputat jekk baqghalux jaghtih xi flus, l-imputat wiegeb: *"Jien se naghtih 500 Euro f'idejh biex anke jista' jaqta' t-ticket biex jirritorna lura l-Italja"* (*a fol.* 6). Din ir-risposta hija generika hafna u ma jirrizultax ghalxiex l-imputat kellu jaghti dawn il-flus lil Owusu. In segwitu ta' din ir-risposta generika, fl-istqarrija rilaxxata mill-imputat ma saret l-ebda domanda ohra biex tigi kjarifikata ghala l-imputat qal li kellu jaghti xi flus lil Owusu.

- Ma jirrizultax li l-imputat kien jaf, fehem jew xtaq jimpjega mieghu persuna li ma kellhiex il-permessi necessarji li tahdem. Minn imkien ma jirrizulta li l-imputat kien jaf li Seth Owusu ma kellux il-permessi necessarji li jaghmel xoghol ta' kisi. Ma jirrizultax li l-imputat agixxa xjentement.

- Fid-depozizzjoni tieghu, Joseph Saliba (*Senior Executive* mal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig) xehed biss li minn tfittxija li saret fuq il-persuna mill-Ghana bl-isem ta' Seth Owusu (Numru tal-Passaport H2662224) irrizulta li din il-persuna qatt ma kellha *work permit* u anqas kien hemm applikazzjoni ghal *work permit*. Saliba ma giex mitlub jinnega jew jikkonferma l-allegazzjoni li l-imputat ma kienx innotifika lill-Korporazzjoni koncernata u dana kif qed jigi akkuzat bih fit-tielet (3) imputazzjoni.

Illi minkejja li, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, id-difiza tghid (*a fol.* 64) li jirrizulta kunflitt fil-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, dan ma huwiex il-kaz! Dak li d-difiza taghmel riferenza ghalih meta ssostni li jezisti kunflitt fil-provi fl-atti proceswali huwa biss tentattiv sabiex tipprova b'kull mod tiskolpa lill-imputat mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu. Ghandu jinghad li nuqqas ta' kjarezza f'dettall ma jammontax ghal kunflitt ta' provi! Id-difiza ma kellhiex ghalfejn tghid li fl-atti jirrizulta kunflitt ta' provi u dana *stante* li l-Qorti jirrizultalha li f'dan il-kaz m'hemmx *kunflitt* ta' provi pero', tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, jezisti *nuqqas* ta' provi.

Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat. Illi dak li jirrizulta fl-atti processwali jista' jindika biss diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma jista' qatt ikun prova univoka u ma jista' qatt iwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda. Minn dak li jirrizulta fl-atti processwali, il-Qorti tista' biss tispekula madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Nicholas Calleja hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni kontenuta fic-*charge sheet* liema talba saret *ai termini* ta' Regolament 5 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 217.14 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**